MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 116/2002

Citazzjoni numru 116/2002

Rose Bugeja ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha Omar Azumi kif awtorizzata in forza ta' prokura

-vs-

Direttur Registru Pubbliku Ghawdex

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi l-attur (kif rapprezentat) jismu Omar Azumi u twieled fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (1978) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, Victoria, Ghawdex permezz ta' l-att numru mija u sitta u hamsin (156) tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) Dok A.

Illi dan l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attrici huwa skorrett stante li fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier" il-kunjom tal-missier gie indikat erronjament bhala Mustafa Azumi, meta dan fil-fatt kellu jkun Azumi u Mustafa kienet parti minn l-isem tal-missier.

U illi konsegwentement il-kunjom ta' l-attur kif rapprezentat qieghed kostantament jirrizulta bhala Mustafa Azumi meta fil-fatt dan huwa Azumi biss. Dan kif anke jirrizulta mill-karta ta' l-identita' (Dok B).

U illi l-attur nomina jrid li dan l-att jkun ikkoregut, b'mod illi fil-kolonna intestata "isem u Kunjom u Posta tat-twelid tal-Missier" l-isem tal-missier jigi indikat bhala Nureddin Mustafa, fil-waqt li l-kunjom jigi ndikat bhala "Azumi".

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara l-att tat-twelid numru l-att numru mija u sitta u hamsin (156) tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.
2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid numru mija u sitta u hamsin (156) tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) relattiv ghat-twelid ta' l-attur (kif rapprezentat), billi fil-kolonna intestata "isem u Kunjom u Post tat-twelid tal-Missier' l-isem tal-missier jigi indikat bhala Nureddin Mustafa, filwaqt li l-kunjom jigi ndikat bhala "Azumi".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici minnha guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

2. Illi f'kull kaz id-direttur m'ghandux ibati spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-attrici;

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sitta u hamsin (156) tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u Post tat-twelid tal-Missier" l-isem tal-missier jigi indikat bhala Nureddin Mustafa, fil-waqt li l-kunjom jigi ndikat bhala "Azumi".

In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------